DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2075

tal-25 ta' Settembru 2023

li taħtar żewġ membri, proposti mir-Repubblika tal-Finlandja, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 302 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/853 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Finlandiż,

Wara li kkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(2) tat-Trattat, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jikkonsisti minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-impjegati, u ta' partijiet oħra li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fl-oqsma soċjoekonomiċi, ċiviċi, professjonali u kulturali.

(2) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1392 ([2]), li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025.

(3) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Timo VUORI u tas-Sa Janica YLIKARJULA saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

(4) Il-Gvern Finlandiż ippropona lis-Sur Teppo SÄKKINEN, *Elinkeino- ja ilmastoasiantuntija, Keskuskauppakamari* (Espert dwar il-klima, Kamra tal-Kummerċ tal-Finlandja), u s-Sa Päivi WOOD, *Johtava asiantuntija, Elinkeinoelämän keskusliitto* (Konsulent ewlieni tal-politika dwar l-affarijiet tal-UE, Konfederazzjoni tal-Industriji Finlandiżi, EK) bħala membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025:

— is-Sur Teppo SÄKKINEN, *Elinkeino- ja ilmastoasiantuntija, Keskuskauppakamari* (Espert dwar il-klima, Kamra tal-Kummerċ tal-Finlandja),

kif ukoll

— is-Sa Päivi WOOD, *Johtava asiantuntija, Elinkeinoelämän keskusliitto* (Konsulent ewlieni għall-politika dwar l-affarijiet tal-UE, Konfederazzjoni tal-Industriji Finlandiżi, EK).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 15.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1392 tat-2 ta' Ottubru 2020 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020 (ĠU L 322, 5.10.2020, p. 1).

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
H. GÓMEZ HERNÁNDEZ